Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 251/2016

Il-Pulizja

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Vincent Debono

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Vincent Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 50470 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 t' Ottubru, 2015 u fix-xhur ta' qabel:

1. Permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih bi ksur tal-Artikolu 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolent, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbuziv jew insolent, jew xort' ohra gab ruhu b' dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibgheda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b' hekk holoq il-probabilita li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza

jew mibgheda razzjali ai termini tal-Artikolu 82 A (1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 82A tal-Kodici Kriminali filwaqt li sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u illiberatu minn kull htija u piena dwarha, filkontemp fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' hamest elef ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Vincent Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza moghtija nhar il-10 ta'  Mejju 2016 f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuza, tikkonfermaha f'dik il-parti wkoll fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamest elef Ewro (EUR5,000), konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Vincent Debono huwa car u manifest u jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi in primins, jigi rilevat illi l-appellant ikkoopera bis-shih tul dawn il-proceduri u li rregistra l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu in kwantu ghall-ewwel imputazzjoni mal-ewwel okkazjoni li kellu, u li issa l-esponent ser

jillimita ruhu biss ghal sottomisjonijiet dwar il-piena erogata fir-rigward tal-istess imputazzjoni.

Illi madanakollu l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-piena erogata fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi minn qari tal-artikolu relevanti ghal kaz in dezamina jirrizulta illi l-piena stabbilita ghar-reat kontemplat fl-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligiijet ta' Malta hija s-segwenti;

*"…meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat."*

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti, kellha prattikament *carte blanche* fir-rigward tal-piena ghaliex filwaqt illi l-istess artikolu tippreskrivi l-piena massima ghar-reat in kwistjoni, ma jaghmilx l-istess ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-minimu tal-multa li l-piena trid tigi applikata fih. Ghalhekk, l-ewwel Qorti setghet tikkundanna lill-appellant ghal kwalunkw piena pekunarji li jidhrilha xierqa diment illi l-istess piena ma tkunx oghla mill-massimu stipolat.

Illi tenut kont ta' dan, l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif inghad fuq ammissjoni tieghu stess, u ghad li ma kkundannatux ghal piena li tqarreb lejn il-massimu, ordnat il-hlas ta' multa fl-ammont ta' hamest elef Ewro (EUR5000) kif inghad.

Illi ghalhekk, ma hemm assolutament xejn xi jzomm lil dina l-Onorabbli Qorti milli tikkonsidra piena aktar mita minn dik erogata fil-proceduri appellati.

Illi ghad li llum l-esponent jifhem il-portata tal-kumment tieghu, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi huwa impjegat fil-facilita` korrettiva ta' Kordin, jehtieg jinghad illi l-esponent effettivament huwa *a first time offender* u li huwa persuna b'fedina penali netta, hekk kif jirrikjedi l-impjieg tieghu.

Illi l-esponent huwa ben konsapevoli tal-fatt illi galadarba huwa rrikonoxxa l-izball tieghu u ghazel li jirregistra ammissjoni tieghu fir-rigward tal-istess, issa jrid ukoll ikun hemm sanzjoni adegwata fit-totalita` tac-cirkostanzi tal-kaz. Minkejja dan kollu, l-appellant huwa tal-umli fehma illi l-piena erogata, anke jekk wahda entro l-parametri stabbiliti, hija wahda eccessiva u li timmerita li tigi mistharrga mill-gdid.

Illi dan jinghad partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-esponent ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fl-ewwel okkazjoni li kellu, li huwa persuna ta' fedina penali netta u li ghandu jitqies *a first time offender*.

Illi tenut kont ukoll tal-fatt illi l-kaz gie mxandar mal-media konvenzjonali u aktar u aktar fuq dik socjali, litteralment kaz ta' *trial by social media* fejn l-esponent gie mghajjar u nsulentat mill-kwartieri kollha tal-internet, il-kaz in dezamina certament jista` jinghad li halla impatt massicc fuq il-hajja u l-karattru tal-esponent li ghadda minn trawma shiha konsegwenza tal-istess pressjoni li saret fuqu, u fuq il-familjari tieghu bil-mod illi bih gie mxandar il-kaz tieghu.

Illi kif inghad l-esponent jifhem sewwa sew is-serjeta` tal-imgieba tieghu tenut kont tal-fatt illi huwa jahdem bhala ufficjal fil-facilita` korrettiva u li fuq il-gurnata tax-xoghol tieghu jiltaqa` ma individwi minn kull rokna tad-dinja, izda maghdud dan kollu, l-esponent dejjem ghamel xoghlu bl-aktar mod ezemplari u qatt ma kellu kwistjonijiet fuq ix-xoghol, la ma' Maltin u wisq anqas ma' persuni barranin.

Illi issa, minkejja li jirrikonixxi l-izball tieghu u li minnu tghallem, l-esponent qieghed jappella ghall-klemenza ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex b'hekk il-piena tigi mistharrga mill-gdid bil-hsieb illi l-multa erogata tkun wahda li tirrifletti aktar  il-mezzi tal-esponent u l-fatt illi huwa tghallem mill-agir tieghu u kwalunkwe multa erogata tkun wahda punittiva u assolutament xejn aktar – u dana wara dak kollu li kellu jghaddi minnu fejn prattikament gia gie *altro che* punit mis-socjeta`.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottoptost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-unika akkuza li dwarha l-appellanti gie misjub hati u cioe' dik li tikkontempla r-reat tal-uzu mhux xieraq ta' apparat elettroniku kif ravvizat fl-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex fil-fehma tieghu il-piena erogata kienet in kwantu eccessiva.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be**

**wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Illi l-piena stabbilita ghar-reat li tieghu l-appellanti instab hati iggorr piena pekunjarja bil-massimu tal-multa titla sa €23,293.73. Illi allura il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' multa ta' €5000 kienet taqa' sewwa fil-parametri dettati mill-ligi, anzi hija piuttost baxxa, meta imqabbla mal-massimu previst fil-ligi kif inghad. Issa l-Ewwel Qorti spjegat dettaljament il-motivazzjoni li wasslitha tikkalibra l-piena b'dan il-mod. Ikkunsidrat l-ewwel u qabel kollox l-ammissjoni bikrija ta'l-appellanti ghal din l-akkuza, (billi t-tieni akkuza giet ikkontestata u minnha huwa gie illiberat). Qieset ukoll, madanakollu, fattur importanti hafna, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal risoluzzjoni tal-lanjanza ivventilata, u cioe' illi l-appellanti kien jokkupa

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

kariga pubblika addett fil-Facilita Korretiva ta' Kordin, post fejn allura huwa ta' kuljum ikollu kuntatt ma' persuni bi twemmin bhal dak tan-nies li xtaq il-qirda taghhom fil-kumment li ippowstja fuq il-*facebook*. Illum f'din id-dinja tat-teknologija avvanzata u tal-informatika id-dinja saret pajjiz wiehed u globali. Kumment li jinghad fuq nies li jinsabu mili 'il boghod minn xtutna ghandha rilevanza illum daqslikieku dak il-kumment ikun dirett lejn il-gar, u thalli ghalhekk impatt ikbar, anke jekk dak il-kumment ikun sar bejn erba hitan fil-kumdita ta' djarna. Kien x'aktarx ghal din ir-raguni li l-legislatur haseb biex jimponi multa kemmxejn gholja ghal min jahseb illi jista juza it-tekonologija u l-mezzi ta' komunikazzjoni b'mod li jivvessa, idejjaq, jinsulenta jew ihedded lil haddiehor ghaliex l-effett huwa akbar minn meta r-reat ikun sar direttament fuq il-vittma. L-appellanti ghalhekk irid iwiegeb ghall-agir skonsiderat tieghu, agir li kellu dmir illi jhares milli isir billi huwa addett fis-servizz tas-sigurta ta' pajjizna bhala Ufficjal tal-Habs.

Maghdud dan allura ma jidhirx illi l-piena erogata kienet wahda li tista' tigi deskritta *wrong in principle* jew *manifestly unjust*. Altrocche! Hija piena li mhux biss taqa' fil-parametri tal-ligi, izda hija 'il boghod mill-massimu ikkontemplat mill-legislatur ghal dan ir-reat u di' piu hija gusta fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Illi ghalkemm l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha *carte blanche* fil-*quantum* tal-piena li setghet tigi erogata, bil-legislatur jimponi massimu izda mhux minimu ghar-reat li tieghu instabet ir-reita', madanakaollu l-kalibrazzjoni tal-piena hija dejjem imhollija fid-diskrezzjoni tal-gudikant li ghalkemm mhux tenut jaghti xi raguni li iwassluh ghal *quantum* erogat, madanakollu f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti b'ghaqal kbir elenkat il-motivazzjonijiet li wasslu sabiex teroga piena ta' €5000 multa. Illi ukoll l-appellanti erronjament ighid illi l-Ewwel Qorti kellha tqiesu bhala *first time offender* billi mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi huwa kien gie misjub hati tar-reat ta' serq sahansitra meta ukoll f'dak il-kaz kien jokkupa kariga pubblika bhala pulizija. Jidher illi l-appellanti ma tghallem xejn minn din l-esperjenza negattiva fuq il-karriera tieghu, izda

ghazel li jerga' ixellef difrejh mal-gustizzja ghalkemm ghadu jokkupa kariga pubblika.

Premessi allura dawn il-gwidi gurisprudenjzali u l-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-atti probatorji, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti li hadet in konsiderazzjoni il-fattispecje kollha tal-kaz u erogat piena fil-parametri dettati mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur